MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 118/2008

Mary Vella
magħrufa bħala Maria Vella .

vs

Direttur tar-Reġistru Pubbliku (Għawdex).

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat, ta' l-imsemmija Mary Vella, li bih wara li ppremettiet illi:

Illi fl-Att tat-Twelid tagħha (Dok MV 1) bin-numru progressiv tlett mija u tlieta (303) maħruġ fl-elf disa' mija u tnejn u ħamsin (1952) fil-kolonna intestata '*Ismijiet Mogħtijin'* hija ngħatat l-ismijiet **Mary, Michel-Angela, u Giorgina** u fil-kolonna intestata '*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa'* ġiet ingħatat l-isem Mary;

Illi effettivament hija dejjem ġiet konsistentement imsejħa minflok bl-isem li jidher fl-imsemmi Att tat-Twelid tagħha, bl-isem ta' **Maria** biss, u huwsa b'dan l-aħħar isem biss li hija magħrufa fil-ħajja ċivili u dan kif jidher mid-dokumenti uffiċjali kollha relatati magħha bħal att taż-żwieġ tagħha (Dok MV 2); il-karta tal-identita' uffiċjali (dok MV 3); l-att tat-twelid ta' binha Earl (Dok MV 4) u binha Elain (Dok MV 5); polza tal-assikurazzjoni (Dok MV 6); l-ETC (Dok MV 7); il-passaport tagħha (Dok MV 80; u kuntratti (Dok MV 9);

Illi hija trid li l-isem fl-att tat-twelid jikkonforma ma' l-isem li dejjem ġiet magħrufa bih.

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din l-Onorabbli Qorti,

1. Tiddikjara li l-isem tar-rikorrenti huwa 'Maria' u mhux 'Mary';

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-twelid tal-istess rikorrenti, ċertifikat numru 303/1952 billi fil-kolonni '*Ismijiet Mogħtijin' u 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa'* jitneħħa l-isem 'Mary' u jiġi sostitwit bl-isem 'Maria'.

Bl-inġunzjoni tal-intimat għas-subizzjoni illi għaliha minn issa qed jiġi nġunt.

Rat id-dokumenti annessi ma' l-istess rikors ġuramentat, u ċioe' id-dokument MV 1 Att tat-twelid tar-rikorrenti;
Dokument MV 2 att taż-żwieġ numru 152/1975,
Dokument MV 3 Kopja tal-karta ta' l-Identita tar-rikorrenti;
Dokument MV 4 Kopja informali 'Extract from Act of Birth' numru 161/1986;
Dokument MV 5 Kopja Informali 'Extract from Entry' numru 85/1981 in the civil status records relative to Acts of Birth and the Adopted Persons' Register in Gozo;
Dokument MV 6 Kopja ta' ittra mibgħuta mill-HSBC Insurance;
Dokument MV 7 Kopja ta' ittra mibgħuta mill-ETC;

Dokument MV 8 kopja tal-passaport tar-rikorrenti; u Dokument MV 9, Kopja ta' kuntratt magħmul quddiem in-Nutar Paul George Pisani.

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku għal Għawdex, illi ġġib id-data tat-tmienja (8) ta' Jannar, 2009.

Innutat illi l-istess konvenut għażel li ma jweġibx għal din il-kawża.

Wara li eżaminat id-dokumenti msemmija, u peress illi jidhrilha illi t-talbiet attriċi huma ġustifikati, tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' l-istess talbiet attriċi, u

1. Tiddikjara li l-isem tar-rikorrenti huwa 'Maria' u mhux 'Mary';

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni fl-Att tat-twelid tal-istess rikorrenti, ċertifikat numru 303/1952 billi fil-kolonni '*Ismijiet Mogħtijin' u 'Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa'* jitneħħa l-isem 'Mary' u jiġi sostitwit bl-isem 'Maria'.

In vista tan-natura ta' din il-kawża, ma għandux ikun hemm spejjeż.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------